# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr Yana Micallef Stafrace LL.D.

**Kawza tad-Distrett tan-Naxxar**

Il-Pulizija

(Spettur Ritianne Gauci)

(Spettur Clayton Camilleri)

Vs

Peter Xuereb

Illum, 22 ta' Ottubru, 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra **Peter Xuereb** ta' 56 sena, iben Francis u Catherine nee' Dimech, imwieled Pieta' fis-17/10/1965, u residenti gewwa 25, 'Arjuza', Triq il-Gizwiti, Naxxar detentur tal-karta tal-identita' numru 495765 M akkuzat talli nhar it-8 ta' Gunju, 2022 ghal habta ta' 16:30hrs gewwa dawn il-Gzejjer Maltin minghajr il-hsieb li tisraq jew li tagħmel ħsara kontral-liġi, iżda biss biex teżerċita dritt li tippretendi li għandek, gieghelt bl-awtorità tiegħek

innifsek, lil xi ħadd jħallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew ifixkel lil Ingrid Xuereb fil-pussess ta'ħwejjigha b' xi mod kontra l-ligi, jew indhalt fi hwejjeg ta' haddiehor.

Rat li fis-seduta tal-13 ta' Ottubru, 2022 Irene Xuereb ikkostitwiet ruhha bhala *parte civile.*

Rat l-affidavit ta' PS 1021 Christian Cauchi pprezentat mat-tahrika tal-kawza tal-Pulizija; semghet ix-xhieda ta' Ingrid Xuereb u d-dokumenti ezebiti minnha fis-seduta tat-28 ta' Settembru, 2023

Rat li l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi fis-seduta tal-27 ta' Settembru, 2023;

Rat li l-imputat iddikjara li mhux ser jixhed fis-seduta tal-27 ta' Settembru, 2023;

Rat li fis-seduta tal-16 ta' Jannar, 2024 Dr Frank Tabone ghal imputat qed jezebixxi Dok PX sensiela ta' verbali fl-atti tal-proceduri fil-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fl-ismijiet Ingrid Xuereb vs Peter sive Pierre Xuereb (Citazzjoni Nru. 127/2020 JPG) ; il-prosekuzzjoni u l-parte civile ezentaw lid-difiza milli jigi mharrek rapprezentant tal-Qorti Civili rigwardanti Dok PX;

Rat li d-difiza ghalqet il-provi fis-seduta tal-16 ta' Jannar, 2024;

Rat l-Artikolu 85 (1) tal-Kap. 9

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat x-xhieda u d-dokumenti kollha in atti;

Ikkunsidrat

**Affidavit ta' PS 1021 Christian Cauchi** ipprezentat mat-tahrika tal-kawza. jiddikjara li nhar it-08/06/2022 ghal habta tas-19:30 hrs PS 2269 minn gewwa l-Ghassa ta' Rahal Gdid ghamlet kuntatt mal-ghassa tan-Naxxar fejn stqarret li Ingrid Xuereb irrappurtat fl-ghassa ta' Rahal Gdid u allegat li dakkinhar stess ghall-habta tal-16:30hrs l-eks ragel taghha Peter Xuereb kien naqas li jaghtiha access ghad-dar 25, Arjuza, Triq il-Gizwiti, Naxxar li hi wahda matrimonjali minhabba li Peter Xuereb kien allegatament biddel is-serratura tar-residenza u hi ma setghetx tidhol fejn sahqet li kemm il-darba pprovat iddahhal ic-cavetta fis-serratura izda peress li allegat li Peter Xuereb biddel is-serratura, ic-cavetta ma bdietx taqbel. Il-kwerelanta ipprezentat digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja). Ingrid Xuereb stqarret li nhar it-08/06/2022 ghal habta tal-16:30 hrs marret u habtet ir-residenza imsemmija harget bintha Eliza u qaltilha li ghandha 'online lesson' u regghet dahlet.

In konnessjoni ma dan ir-rapport nhar il-15/06/2022 ghal habta tal-17:31 hrs baghat ghal Peter Xuereb gewwa l-ghassa tan-Naxxar fejn infurmah b' dan ir-rapport u fejn ried jibqa' sieket u ma taha l-ebda' verzjoni lil Pulziija.

Dahhal rapport fuq is-sistema komputerizzata tal-Pulziija bin-numru 9/POL/3578/2022

Fis-seduta tal-27 ta' Settembru, 2022 giet ipprezentata mill-prosekuzzjoni l-okkorrenza ta' dan ir-rapport (Dok CC1) maghmul minn PS 2269 Miriam Lia u aggornata minn PS 1021 Christian Cauchi.

**Ingrid Xuereb**, il-*parte civile*, xehedet fis-seduta tal-28 ta' Settembru, 2023. L-imputat, Peter Xuereb, huwa r-ragel taghha u ghaddejin minn proceduri ta' separazzjoni personali. Id-dar matrimonjali ghanda l-indirizz 'Arjuza', 6, Triq il-Gizwiti, Naxxar u kienet ilha tghix fiha hmistax-il sena. Hija ghamlet zewgt rapporti, fit-2 ta' Mejju u fit-8 ta' Gunju, 2022. F' dawk iz-zewgt granet hija marret bhas-soltu tara lit-tfal fid-dar matrimonjali skont digriet tal-Qorti per Inhallef Onor. Dr Jacqueline Padovani Grima. Skont id-digriet suppost tmur tarahom fid-dar residenzjali tlett darbiet fil-gimgha. It-tfal ghandhom tmintax-il sena u sittax-il sena. Tixhed li fid-dar jirrisjedi r-ragel bit-tfal. Meta marret biex tiftah il-bieb kien imbarrat. Tezebixxi ritratt li hadet hi stess fuq gewwa ghaliex fethulha t-tfal.

Hija marret tiftah bic-cavetta li kellha u ma setghatx. Mbghad fethulha t-tfal izda ftit ghax hu qalilhom biex ma jifhuliex aktar. It-tfal fethulha u sab li ghamel is-serratura minn naha ta' gewwa tal-bieb (Dok IX ritratt ezebit mill-parte civile).

Lil imputat hija kellmitu imma ma gara xejn. Illum ma ghandiex access ghad-dar u l-affarijiet taghha ghadhom hemm.

Tezebixxi digriet fejn ghandha l-hinijiet meta suppost ghandha access biex tara lit-tfal.

Mistoqsija in kontro-ezami jekk haditx ir-ritratt dak in-nhar li ghamlet ir-rapport tirrispondi li ma tiftakarx.

F' dawk iz-zewgt okkazzjonijiet marret id-dar biex tara lit-tfal.

Fuq l-access kienet tkellem lit-tfal direttament ghaliex l-imputat kien heddida u evitat li taghmel kuntatt mieghu.

Ikkunsidrat

Kontestwalment ma' din il-kawza instemghet kawza ohra fl-istess ismijiet it-tnejn ibbazati fuq l-artikolu 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta li pero' jirriferu ghal dati u incidenti differenti.

Ikkunsidrat

L-imputat huwa akkuzat bir-reat ta' *pretended rights* kif dispost fl-artikolu 85 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issir referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri fl-ismijiet Il-Pulizja Vs Emilio Ellul (Appell Nru: 1026/2023) deciza fil-11 ta' Lulju, 2024 fl-liema sentenza l-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri ghamlet referenza ghall-diversi sentenzi li jittrattaw dan ir-reat. F' din is-sentenza l-Qorti ikkunsidrat

> "Għal dawk illi huma l-elementi kostitwivi tar-reat ta' raggion fattasi l-Qorti tagħmel referenza għal każ "benchmark" ta' l-Illustri Imhallef William Harding fil-kawża fl- ismijiet **Il-Pulizija vs Giuseppe Bonavia et**[1]. Li ġiet ukoll ripurtata f'kawża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-**ismijiet Il-Pulizija vs Vincent Cortis** deċiża fis-27 ta' Novembru, 2008. A skanz ta' ripetizzjoni l-Qorti tagħmel referenza għal dawn il-ġudikati. Hu ben saput li biex

[1] App.Krim. 14.10.1944 , Vol.XXXII - IV , p.768

jissusisti r-reat ta' raggion fattasi iridu jeżistu flimkien l-erba`elementi illi jikkostitwixxu r-reat u cioe`:-

a) l-att estern li jimpedixxi persuni oħra minn dritt li hi qed tgawdi, u li jkun sar bid-disens espliċitu`jew implicitu`ta' dik il-persuna;

b) l-imputat irid jemmen li qed jadixxi bi dritt;

c) ix-xjonza ta' l-imputat li qed jieħu b'idejh dak illi suppost jieħu tramite l-proċess legali;

d) li l-att ma jinkwadrax ruħu f'reat aktar gravi."

*. . . . ommiss . . .*

"Ovjament huwa suffiċjenti li jikkonkorru l-ewwel tliet elementi. Għall-finijiet tar-reat ta' ragion fattasi huwa biżżejjed xi forma ta' pussess. [emfażi tal-Qorti]"

Ikkunsidrat

Fil-kaz in ezami l-provi principalment  jikkonsistu fl-affidavit ta' Affidavit ta' PS 1021 Christian Cauchi, ix-xhieda tal-kwelelanta Ingrid Xuereb u kopji legali ta' digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) moghtija waqt diversi seduti fil-kawza fl-ismijiet "*Ingrid Xuereb v Pierre sive Peter Xuereb"* (Cittazjoni numru 127/2020 JPG). L-imputat ghazel li ma jixhidx f' dawn il-proceduri.

Il-verbali / digrieti ezebiti miz-zewgt partijiet moghtija fl-atti tal-kawza '*Ingrid Xuereb v Pierre sive Peter Xuereb'* (Cittazjoni numru 127/2020 JPG) huma

- Verbal tal-30 ta' Novembru 2020  fejn il-Qorti tal-Familja iddecidiet: - "*Il-Qorti wara li semghet t-talbiet tal-attrici sabiex tinghata access fid-dar matrimonjali minghajr xkiel, tordna li dan isehh kull nhar ta' Tnejn, Erbgha u Gimgha mit-3:00 pm sas-6:00 pm, liema access ghandu jkun minghajr xkiel tal-kontro-parti, u dan pendente lite u sakemm il-Qorti tisma z-zewgt rikorsi, (wiehed ghad irid jigi pprezentat), dwar il-kura u kustodja tat-tfal*

*Il-partijiet qed jaqblu li kemm il-darba l-missier ma jistghax ikun prezenti, tista' tkun prezenti ukoll oht Pierre Xuereb, Mariella Callus." .* (Dok PX, Dok. IX 1)

- Verbal 22 ta' Gunju, 2022 fejn waqt l-udjenza il-Qorti iddecidiet:- *"Il-Qorti wara li semghet lill-partijiet informalment u lill-avukati difensuri taghhom, li ulied il-kontendenti ma jridux jaraw lil ommhom tinnomina lil Dr Ingrid Baldacchino sabiex tisma lit-tfal u jekk jihdrilha xieraq taghmel session mal-genituri individwalment biex tiehu l-background ta' dan il-kaz u tirrapporta lil Qorti dwar il-modalita' tal-access u kif dan jista' jsir, dana kollu, l-ispejjez divizi bejn il-partijiet."* (Dok PX)

- Verbal tal-16 ta' Novembru, 2022. Il-Qorti ordnat lil Dr Ingrid Baldacchino sabiex tissokta bis-sessions ghat-tfal bi spejjez provizzorjament ghal Peter Xuereb. (Dok PX)

- Verbal tal-27 ta' Gunju, 2023. Il-Qorti laqghet it-talba tal-mara sabiex tghix fil-post tal-villeggatura tal-kontendenti gewwa l-Mellieha. (Dok PX)

L- akkuza tirriferi ghal incident li sehh nhar it-8 ta' Gunju, 2022 meta d-digriet tal-30 ta' Novembru, 2020 kien ghadu vigenti. Jigi sottolinjat li sa fejn jirrizultaw mill-atti ta' dawn il-proceduri d-digriet tat-30 ta' Novembru, 2020 ghadu ma giex revokat.

Il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tad-difiza li dan huwa kaz ta' nuqqas ta' access. Id-digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) tal-30 ta' Novembru, 2020 huwa car li fil-hinijiet u granet stabiliti hija ghandha access ghad-dar "*minghajr xkiel tal-kontro-parti.*"

Il-*parte civile* tixhed li dak in-nhar hija marret tiftah bic-cavetta li kellha u ma setghatx. Mbghad fethulha t-tfal izda ftit ghax hu qalilhom biex ma jifhuliex aktar. It-tfal fethulha u sab li ghamel is-serratura minn naha ta' gewwa tal-bieb (Dok IX ritratt).

Mill-provi jirrizulta li-elementi sabiex tinstab htija ghal dan ir-reat gew ipprovati. Fic-cirkostnzi tal- kas jidher idonju kundanna ta multa u mhux piena karcerarja

**Decide**

Ghaldaqstant l-Qorti wara li rat l-artikolu 85(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil imputat **Peter Xuereb** hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u tikkundannah multa ta mitejn u hamsin ewro (250).

Il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**